# Rapport Annwali 2015
# Ministeru tal-Affarijiet Barranin

## Relazzjonijiet Bilaterali mal-pajjiżi Ewropej u t-tkabbir tal-Unjoni Ewropea

Tul l-2015 Malta kompliet saħħet ir-relazzjoni tagħha kemm mas-sieħba Ewropej kif ukoll mal-pajjiżi oħra Ewropej. Fost iż-żjarat Statali lejn Malta kien hemm dawk mill-Ġermanja, l-Ordni ta' San Ġwann u r-Renju Unit. Mad-dsatax-il ftehim ġew iffirmati, u kien hemm ħidma biex iseħħu iktar ftehim bil-għan li jkun hemm iktar kollaborazzjoni konkreta mal-pajjiżi Ewropej. Barra minn hekk numru konsiderevoli huma lesti għall-firma. Seħħew ukoll numru ta' żjarat Statali u uffiċjali.

Kien hemm żviluppi pożittivi fir-relazzjonijiet mat-Turkija, fosthom iż-żjara mill-Ministru Tork għat-Trasport f'Jannar 2015, fejn ġie ffirmat ftehim dwar Kooperazzjoni Marittima. F'Marzu l-Ministru għall-Affarijiet Barranin Tork għamel żjara uffiċjali f'Malta fuq stedina tal-Ministru George Vella. Matul din iż-żjara, Memorandum ta' Ftehim bejn l-Akkademja Diplomatika tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tar-Repubblika tat-Turkija u l-Akkademja Mediterranja tal-Istudji Diplomatiċi tal-Università ta' Malta ġie ffirmat.

L-immigrazzjoni kienet tema li tfaċċat fid-diversi konsultazzjonijiet mal-Italja, speċjalment fil-laqgħat li saru bejn il-Prim Ministru Joseph Muscat u l-Prim Ministru Taljan Matteo Renzi. Is-Sotto Segretarju Taljan għall-Ewropa, Sandro Gozi, żar Malta f'Awissu 2014, u ltaqa' mal-Ministru Vella. Fi Frar 2015 il-Ministru għall-Affarijiet Barranin żar Ruma biex jiddiskuti l-Libja mal-kontraparti tiegħu. Dan kien segwit minn żjara ta' ħidma tal-President Taljan Mattarella f'Lulju 2015.

F'April 2015 il-Gran Mastru tal-Ordni Militari Sovran ta' Malta għamel żjara Statali ta' tlett ijiem, li matulha f'aġġornament importanti ġie ffinalizzat ir-reviżjoni tal-Ftehim ta' 1998 dwar Forti Sant'Anġlu. Bi tħejjija għaż-Żjara, delegazzjoni teknika kienet għamlet żjara f'Marzu 2015, u l-Ministru Dr George Vella kien żar Ruma fi Frar 2015.

Il-President Ġermaniż Joachim Guack għamel żjara Statali f'April 2015. Ukoll f'April 2015, uffiċjali mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin Ġermaniż żaru Malta bħala segwitu għat-taħditiet li saru f'Berlin fi Frar 2015 bejn il-Prim Ministru Muscat u l-Kanċillier Merkel, li ffukat fuq il-Libja, il-migrazzjoni irregolari, relazzjonijiet bilaterali bejn l-iżgħar u l-ikbar stati membri tal-UE, kif ukoll l-Ukraina. Il-Ministru tal-Istat għall-Ewropa Ġermaniż żar Malta ukoll f'Mejju 2015 għal diskussjonijiet dwar l-immigrazzjoni, il-Libja u fl-Ukraina.

Il- Ministru ltaqa' wkoll ma' Hashim Thaci, Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin ta' Kosovo, f'Ġunju 2015. Il-Viċi Prim Ministru Thaci esprima l-gratitudni tiegħu għall-appoġġ ta' Malta, u saru diskussjonijiet dwar kif Malta tista' tkun ta' għajnuna fil-gwida ta' Kosovo biex tilħaq l-aspirazzjonijiet tagħha għal-UE. F'Diċembru 2015 il-Ministru Vella kellu laqgħa bilaterali mal-Ministru tal-Affarijiet Barranin tas-Serbja Ivica Dačić fil-marġini tal-Konferenza tal-OSKE fil-Ġordan, fejn il-Ministru Vella ħabbar lill-Ministru Serbjan li waqt il-Presidenza tal-Kunsill fl-2017, Malta se tkun qed torganizza ż-żjara informali tal-Kumitat tal-UE tat-Tkabbir (COELA) f'Belgrad.

Waqt il-Valletta Summit, li sar f'Malta f'Novembru 2015, seħħew bosta laqgħat bilaterali fil-marġini ta' dan l-avveniment, fosthom mal-Italja, r-Renju Unit, l-Isvizzera, Franza u l-Ġermanja.

## Ir-Relazzjoni mal-Istati Żgħar tal-Ewropa

Wara d-deċiżjoni tal-Unjoni Ewropea fl-2014 biex issaħħaħ ir-relazzjonijiet tagħha mal-pajjiżi ż-żgħar ta' Andorra, Monako u San Marino, Malta ħadet rwol biex tkompli tqarrab ir-relazzjonijiet bilaterali ma' dawn il-pajjiżi. Il-ftehim mal-Unjoni Ewropea kompla jiġi diskuss fl-2015, biex b'hekk jiffaċilita kemm in-negozju mal-pajjiżi ż-żgħar, kif ukoll il-mobilità taċ-ċittadini tat-tliet Stati u dawk tal-Unjoni Ewropea fost l-oħrajn. Ta' min wieħed isemmi li l-Gvernijiet ta' Andorra, Monako u San Marino, talbu l-għajnuna ta' Malta f'diversi okkażjonijiet rigward dan il-ftehim. Aħna qed nagħtu l-appoġġ tagħna.

## It-Tkabbir tal-Unjoni Ewropea

Bħalissa hemm ħames pajjiżi Kandidati għal sħubija sħiħa. Dawn huma t-Turkija, l-eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (fYROM), il-Montenegro, is-Serbja u l-Albanija. Taħt il-Presidenza Latvjana ttieħdet id-deċiżjoni li l-UE, fuq talba tal-Gvern Iżlandiż, twaqqaf il-proċess ta' tkabbir ma' dan il-pajjiż.

Il-proċess ta' tkabbir għandu jibqa' mezz ta' motivazzjoni sabiex iseħħu riformi fl-oqsma politiċi u ekonomiċi fil-pajjiżi tat-tkabbir. Fl-isfond tal-iżviluppi riċenti fir-reġjun, kemm mil-lat ta' instabbilità politika fil-FYROM u fil-Bożnija-Ħerzegovina kif ukoll l-immigrazzjoni illegali li qed tolqot ukoll lil dawn il-pajjiżi, Malta baqgħet issostni li l-istrateġija tat-tkabbir hija element pożittiv għall-futur tal-blokk Ewropew u li l-Unjoni għandha tkun miftuħa għal kull pajjiż li jissodisfa l-kriterji u l-kundizzjonijiet tas-sħubija. Huwa importanti li kemm l-Istati Membri kif ukoll l-Istituzzjonijiet Ewropej jifhmu li huwa fl-interess tal-Unjoni kif ukoll tal-pajjiżi li qed ifittxu s-sħubija li jitħaffef il-proċess.

## Relazzjonijiet Bilaterali mal-pajjiżi Mediterranji u Affarijiet Esterni

F'din l-aħħar sena, id-Direttorat għall-Mediterran u Affarijiet Esterni kompla bil-ħidma tiegħu sabiex ir-relazzjonijiet bilaterali u multilaterali kemm fil-Mediterran u lil hinn minnu jkomplu jissaħħu kif spjegat hawn taħt:

L-istabbilità fil-**Libja** tibqa' prijorità għal Malta u l-Ministeru ħadem bis-sħiħ mal-Gvern Libjan u mal-interlokatori Libjani, l-Unjoni Ewropea u n-Nazzjonijiet Uniti sabiex jintlaħaq dan il-għan. Malta kompliet issostni l-isforzi tiegħu sabiex jinħoloq gvern proviżorju nazzjonali u tinfetaħ it-triq għar-rikonċilazzjoni għat-twettiq tal-paċi u sigurtà nazzjonali. Il-Ministeru sostna l-appoġġ għal Ftehim Politiku kif propost min-Nazzjonijiet Uniti li ġie ffirmat fil-Marokk fis-17 ta' Diċembru 2015. Il-Gvern Malti saħaq li l-partijiet għandhom jaċċettaw dan il-ftehim fl-interess tal-poplu Libjan. Malta tenniet ukoll l-impenn tagħha sabiex tgħin b'kull mezz possibbli sabiex tħares l-għaqda fil-Libja.

Malta saħħet ix-xogħol tagħha anke fuq livell bilaterali mal-ġirien tagħha li l-aktar kellhom bżonn għajnuna. Wara l-attakki terroristiċi li twettqu fil-Mużew Bardo u l-kumpless turistiku f'Sousse iktar kmieni fl-2015, Malta kienet minn tal-ewwel li sostniet li t-**Tuneżija** għandha tingħata għajnuna konkreta mill-komunità internazzjonali. Fit-12 ta' Mejju 2015, il-Ministru Vella żar it-Tuniżija fuq żjara uffiċjali fejn saru bosta laqgħat fosthom mal-President, il-Prim Ministru u l-Ministru għall-Affarjiet Barranin ta' dan il-pajjiż.

Ir-relazzjonijiet bilaterali bejn Malta u **l-Alġerija** komplew jissaħħu. Fit-18 ta' Novembru 2015, il-Minsitru Vella akkumpanja lill-Prim Ministru fuq żjara uffiċjali fl-Alġerija fejn inżammu laqgħat mal-Prim Ministru tal-Alġerija Abdelmalek Sellal u ma' numru ta' membri tal-Kabinett Alġerin bil-għan li l-koperazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi terġa' tissaħħaħ f'diversi oqsma. Il-Ministru Vella, flimkien mal-Ministru għall-Affarijiet Barranin Alġerin, iffirma ftehim dwar is-Servizzi tal-Ajru. Ir-relazzjonijiet mistennija jkomplu jissaħħu biż-żjara statali mill-President ta' Malta fl-20 u l-21 ta' Jannar, 2016.

Ir-relazzjonijiet bilaterali bejn Malta u **l-Marokk** komplew jiġu msaħħa. Malta kompliet tipparteċipa fil-fora reġjonali bħad-Djalogu 5+5. Fl-14 ta' Settembru 2015 żaret Malta delegazzjoni politika mill-Marokk fejn ġew analizzati mhux biss ir-relazzjonijiet bilaterali bejn iż-żewġ pajjiżi, iżda wkoll dawk f'oqsma kummerċjali u aktar kooperazzjoni fil-qasam tal-immigrazzjoni. Fil-11 ta' Novembru 2015 saret laqgħa bejn il-Ministru għall-Affarijiet Barranin George Vella u Salaheddin Mezouar, Ministru għall-Affarijiet Barranin u Kooperazzjoni Internazzjonali Marokkin, fil-marġini tal-Valletta Summit. L-immigrazzjoni, is-sigurtà fil-Mediterran u kif iż-żewġ pajjiżi jistgħu jikkontribwixxu permezz ta' konsultazzjonijiet politiċi bejniethom kienu t-temi ewlenin li ġew mitħaddta dwarhom.

Il-politika barranija ta' Malta hija wkoll marbuta mill-qrib ma' dawk l-istittuzzjonijiet reġjonali li jindirizzaw **il-Mediterran**, bħall-Unjoni għall-Mediterranan, il-Fondazzjoni Anna Lindh u l-Forum tal-Punent tal-Mediterranean (5+5 Dialogue). F'dan l-ispirtu l-Ministru George Vella ppparteċipa f'laqgħa Ministerjali Informali tal-Grupp Mediterran (MED 7) li saret ġewwa Parigi fl-20 ta' Frar 2015, fejn ġew diskussi bosta temi, fosthom il-migrazzjoni u terroriżmu. Din is-sena l-Ministru Vella ħa sehem f'laqgħa Ministerjali informali li saret f'Barċellona fit-13 ta' April 2015 bejn il-Ministri għall-Affarjiet Barranin tal-Unjoni Ewropea mal-Ministri għall-Affarjiet Barranin tal-Viċinat tan-Nofsinhar tal-Unjoni Ewropea. Malta attendiet ukoll għal konferenza organizzata mill-5+5 dwar il-migrazzjoni u s-sigurtà fil-Mediterran ġewwa l-Marokk fis-7 ta' Ottubru, kif ukoll għal konferenza ministerjali fi ħdan l-Unjoni fil-Mediterran, f'Barċellona fis-26 ta' Novembru 2015 fejn ġew diskussi l-migrazzjoni, is-sigurtà u proġetti fil-Mediterran. Malta ħabbret li ser tospita l-Forum Mediterranju tal-Fondazzjoni Anna Lindh li ser isir bejn l-24 u l-25 ta' Ottubru 2016.

Malta kompliet issegwi t-taqlib fil-**Lvant Nofsani** u f'dan ir-rigward il-Ministeru kompla jaħdem sabiex dan ir-reġjun ikompli jingħata l-importanza xierqa. Dan issarraf f'ħidma kontinwa fi ħdan l-Unjoni Ewropea, kif wkoll fiż-żjara li wettaq il-Ministru Vella fil-Ġordan, Iżrael, il-Palestina inkluż Gaza, bejn is-26 u t-30 ta' Ottobru 2014. Barra minn hekk, fit-8 ta' Mejju, il-Ministru għall-Affarjiet Barranin tal-Palestina, Riad Malki, żar Malta u flimkien ġie mniedi l-Maltese-Palestinian Joint-Intergovernmental Committee.

Matul is-sena li għaddiet, il-Ministeru kompla fil-ħidma tiegħu fil-**Golf Għarbi**. Fl-20 ta' Jannar 2015, il-Ministru Vella għamel żjara uffiċjali fil-Kuwait, fejn kien hemm bosta laqgħat ma' uffiċjali għolja, fosthom l-Emir, il-Prim Ministru, il-Viċi Prim Ministru u l-Ministru għall-Affarijiet Barranin, kif ukoll il-Ministru għall-Kummerċ u Industrija. Il-Ministru inawgura wkoll Konsolat ġewwa l-Ambaxxata ta' Malta fil-Kuwait. Il-Ministru Vella ħa sehem attiv fil-laqgħa Ministerjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-GCC (Gulf Cooperation Council) li saret f'Doha, il-Qatar, fl-24 ta' Mejju 2015.

Il-Ministeru kompla jsaħħaħ ir-relazzjonijiet bilaterali ma' **pajjiżi Asjatiċi**, partikolarment maċ-Ċina li magħha Malta għandha rabtiet storiċi ta' kooperazzjoni f'diversi oqsma. Bejn is-26 u s-27 ta' Lulju 2015, il-Ministru Vella kellu bosta laqgħat waqt żjara li għamel fiċ-Ċina ma' uffiċjali għolja, fosthom il-Viċi President tal-pajjiż u mal-Ministru għall-Affarijiet Barranin. Din is-sena ċċelebrajna wkoll il-50 anniversarju mit-twaqqif tar-relazzjonijiet diplomatiċi mal-Ġappun kif ukoll mar-Repubblika tal-Korea. Il-Ministru kellu wkoll laqgħat bilaterali mal-Kummissarji Għolja tas-Sri Lanka kif ukoll tal-Bangladesh.

Il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin kompla jsaħħaħ ir-relazzjonijiet bilaterali fil-konfront tal-pajjiżi **Afrikani**. Din il-ħidma tkompliet partikolarment fil-qasam tal-immigrazzjoni irregolari. Il-Ministeru jinsab f'ħidma sabiex jiġu konklużi ftehimiet ta' ħelsien mit-taxxa doppja ma' diversi pajjiżi fl-Afrika, fosthom, Uganda, Zambia, Malawi, Ghana, Kenya, Angola, Botswana, Etjopja, Gambia u Namibia. Dan filwaqt li l-ftehim iffirmat mal-Mauritius daħal fis-seħħ fit-23 t'April 2015. L-interess tal-Ministeru fil-pajjiżi Afrikani kompla għal twaqqif ta' negozjati fuq numru ta' ftehim dwar is-Servizzi tal-Ajru. Il-Ftehim li jistabbillixxi Kummissjoni Konġunta bejn

Malta u l-Ghana kien maqbul fis-26 ta' Settembru 2014. Permezz ta' dan il-ftehim, fl-2015 iltaqgħet għall-ewwel darba l-Kummissjoni Konġunta bejn Malta u l-Ghana fejn ġew diskussi proposti ta' kooperazzjoni fl-oqsma tal-ekonomija, il-kummerċ, l-industrija, servizzi finanzjarji, marittimi u dawk ta' investiment u turiżmu kif ukoll f'oqsma oħra fosthom kultura, żgħażagħ, edukazzjoni u sport. Diversi taħditiet bilaterali saru fil-marġini taċ-CHOGM u l-Valletta Summit, fosthom mal-Mozambique, Lesotho, u l-Ghana, ir-Repubblika tas-Sudan u l-Kosta tal-Ivorju.

Dan il-Ministeru kompla jaħdem sabiex titjieb ir-relazzjoni bilaterali bejn Malta u l-**Istati Uniti tal-Amerika**. Laqgħat ma' diplomatiċi Amerikani fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin huma frekwenti. Dan jawgura tajjeb li r-relazzjonijiet eċċellenti bejn iż-żewġ pajjiżi jkomplu jissaħħu dejjem aktar. Fil-15 ta' Ġunju 2015 l-Assistent Viċi Segretarju fit-taqsima tal-Affarijiet Ewropej u Ewro-Asjatiċi għan-Nofsinhar tal-Ewropa u l-Lvant tal-Mediterran, Dr Amanda Sloat, għamlet żjara qasira fejn iltaqgħet mal-Ministru George W. Vella. Matul l-2015 saru kuntatti inizjali sabiex ir-relazzjonijiet bejn Malta u l-**Kanada** jissaħħu, mhux biss fil-qasam tal-Commonwealth peress li Malta ospitat iċ-CHOGM f'Novembru, iżda r-relazzjonijiet bilaterali wkoll.

Dan il-Ministeru qed ikompli jsaħħaħ ir-relazzjoni bilaterali mal-pajjiżi tal-**Amerika Latina u l-Karibew,** fejn kompla bin-negozjati bil-għan li jiġi ffirmat ftehim bilaterali għall-ħelsien mit-taxxa doppja u l-prevenzjoni ta' evażjoni fiskali mal-Brażil, Ċile, Ekwador, Panama u Peru. Il-Ministru kellu wkoll laqgħa bilaterali mal-Barbados fil-marġini taċ-CHOGM.

Flimkien mal-**Awstralja u New Zealand**, il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin għen fil-kommemorazzjoni taċ-Ċentinarju tal-Kampanja ta' Gallipoli f'Mejju 2015. Il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin għen fil-koordinament taż-żjara tal-President tal-Kunsill Leġislattiv tal-Istat Awstraljan ta' Victoria, u tal-Whip tal-Oppożizzjoni fl-istess Kunsill. Din id-delegazzjoni ltaqgħet mal-Ispeaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti, Anġlu Farrugia u Membri Parlamentari oħra f'April 2015.

Minkejja li l-kuntatti politiċi mal-**Federazzjoni Russa** naqsu minħabba l-kriżi fl-Ukrajna, l-Ambaxxata ta' Malta f'Moska għadha taħdem sabiex tgħolli l-profil ta' Malta fir-Russja permezz ta' diversi avvenimenti. Fl-24 ta' Settembru 2015, ġie organizzat avveniment kummerċjali mill-Ambaxxata fejn attendew diversi intraprendituri Maltin minn diversi oqsma. Din is-sena, taħditiet baqgħu għaddejjin ma' awtoritajiet Russi sabiex jissolvew kwistjonijiet pendenti bejn iż-żewġ gvernijiet, bħall-Ftehim Intergovernattiv dwar il-Proprjetà Diplomatika, li dwaru l-kuntatti diplomatiċi qed ikomplu. Il-Ftehim dwar id-dejn dovut lil Malta sa mill-1980 ġie ffirmat fil-25 ta' Frar 2015 u d-dejn kollu dovut tħallas mill-Federazzjoni Russa kif maqbul. Fl-24 ta' Settembru 2015, ġie organizzat avveniment kummerċjali mill-Ambaxxata fejn attendew diversi intraprendituri Maltin minn diversi oqsma.

Il-Ministeru ħadem ukoll bi preparazzjoni għal diversi **Summits**, fejn il-Ministru pparteċipa mal-Prim Ministru, fosthom is-Summit bejn l-UE u s-Sħubija tal-Lvant li sar ġewwa Riga, il-Latvja, bejn il-21 u t-22 ta' Mejju 2015, sar is-Summit bejn l-UE u l-Komunità ta' Stati tal-Amerika Latina u tal-Karibew ġewwa Brussell fl-10 u l-11 ta' Ġunju 2015, kif ukoll il-Laqgħa tal-ASEM, li saret fil-Lussemburgu bejn il-5 u s-6 ta' Novembru, 2015.

**Maltin li Jgħixu barra minn Malta**

Id-Direttorat sar punt ta' riferement fejn tidħol id-Dijaspora Maltija mxerrda fi 173 pajjiż.

Id-Direttorat assista lis-Segretarja tal-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra fil-preparamenti u fl-organizzazzjoni ta' żewġ laqgħat li saru f'Malta matul l-2015. Għen sabiex saret ir-raba' Konvenzjoni għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta li saret bejn l-20 u t-23 ta' April 2015 F'din il-Konvenzjoni tlaqqgħu f'Malta madwar 120 parteċipant u osservatur bil-maġġoranza

kbira tagħhom ġejjin minn diversi pajjiżi tad-Dijaspora Maltija madwar id-dinja. Saret ukoll is-sitt laqgħa tal-Kunsill fl-24 ta' April 2015 fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin.

Matul l-2015, id-Direttorat informa lill-Kunsill għall-Maltin li jgħixu Barra minn Malta b'dokumenti ta' konsultazzjoni jew b'abbozzi ta' liġijiet li jsir jaf bihom u li jistgħu b'mod dirett jew indirett jaffettaw lid-Dijaspora Maltija. Id-Direttorat ipparteċipa wkoll fil-laqgħat tal-Europeans Throughout the World (ETTW) fi Brussell.

## Affarijiet Globali

Id-Direttorat għall-Affarijiet Globali isegwi diversi aspetti tal-politika barranija li għandha implikazzjonijiet, indiretti jew diretti fuq il-politika interna ta' Malta. Wieħed mill-aspetti li huwa prominenti huwa dak tal-immigrazzjoni illegali. Barra l-kontribut li l-Ministeru ta' fil-preparamenti għad-diversi kunsilli Ewropej li ltaqgħu din is-sena, sabiex jindirizzaw il-kriżi fl-immigrazzjoni kif ukoll it-traffiku ta' persuni, il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin ħa sehem attiv fil-preparamenti għas-**Summit** li sar ġewwa Malta f'Novembru tal-2015 u li laqqa' l-mexxejja tal-UE u dawk tal-pajjiżi tal-Afrika. F'dan is-summit il-pożizzjoni strateġika ta' Malta serviet ta' pont li tgħaqqad flimkien lill-mexxejja mill-pajjiżi Ewropej u dawk Afrikani, biex għall-ewwel darba jaħdmu b'mod kollettiv bil-għan li jaqblu fuq pjan ta' azzjoni dwar il-problemi li qed iwasslu għall-immigrazzjoni. Dawn il-proġetti, li jridu jitwettqu sat-tmiem l-2016, se jibdew jagħtu prijorità lill-għeruq tal-problemi, kif ikkonfermat mill-Pjan ta' Azzjoni u fuq il-ħolqien ta' mezzi li jippermettu l-immigrazzjoni regolari bejn iż-żewġ kontinenti. Malta pparteċipat fis-Senior Officials Meetings tal-Proċessi ta' Rabat u Khartoum ġewwa Porto u Londra bi tħejjija għall-implimentazzjoni ta' dawn il-proġetti.

Aspett ieħor li huwa involut fih bil-qawwi l-Ministeru għall-Affarijiet Barranin huwa l-Commonwealth. Ftit tax-xhur ilu Malta ospitat il-mexxejja tal-Commonwealth, għat-tieni darba f'għaxar snin, għall-**Commonwealth Heads of Government Meeting** (CHOGM), li seħħ bejn il-25 u d-29 ta' Novembru u li ħaddan it-tema "Adding Global Value". Iċ-CHOGM ippreżenta opportunità għal diskussjonijiet, bejn il-Mexxejja tat-53 pajjiż tal-Commonwealth, fuq diversi suġġetti bħal ma huma s-sigurtà globali, l-iżvilupp sostenibbli, it-tiġdid tal-Commonwealth, kif ukoll it-Tibdil fil-Klima. Il-Ministeru, flimkien mas-Segretarjat tal-Commonwealth, innegozja tliet dokumenti importanti għall-Commonwealth li huma d-'Dikjarazzjoni tal-Mexxejja' - fejn il-Mexxejja urew messaġġ kongunt ta' sapport fuq diversi suġġetti topiċi, il-'Communiqué' li kien stipulat mill-Ministri tal-Affarijiet Barranin u li jkompli jelabora d-Dikjarazzjoni tal-Mexxejja, u d-'Dikjarazzjoni tal-Mexxejja fuq l-Azzjoni Klimatika' li ħarġet bħala rizultat tas-Sessjoni Eżekuttiv Speċjali dwar l-Azzjoni Klimatika li saret fis-27 ta' Novembru 2015. Dawn id-dokumenti fasslu pjan ambizzjuż ta' azzjoni għat-tliet snin li ġejjin, perjodu fejn Malta ha jkollha l-irwol ta' Chair tal-Commonwealth. Imnedija waqt iċ-CHOGM kienu ċ-Ċentru ta' Eċċellenza għal Stati Żgħar u l-iSmall States Trade Financing Facility li se jkunu allokati f'Malta. Dawn iż-żewġ proġetti huma mistennija li jagħtu valur miżjud kemm għall-Commonwealth kif ukoll lill-Istati Membri tagħha, b'mod partikolari lejn il-pajjiżi ż-żgħar. Barra minn hekk, il-Ministeru mexxa d-diskussjonijiet politiċi li għandhom x'jaqsmu mal-Commonwealth kif ukoll ħadem maċ-CHOGM taskforce fl-organizzazzjoni tad-diversi laqgħat li saru fil-ġranet ta' qabel iċ-CHOGM, fosthom il-laqgħa tal-Ministri għall-Affarijiet Barranin, kif ukoll il-Commonwealth Women's Forum, il-Commonwealth Business Forum, il-Commonwealth People's Forum u l-Commonwealth Youth Forum.

Dan id-direttorat jagħmel ukoll xogħol siewi mil-lat ta' sigurta fejn huwa involut fid-diskussjonijiet u laqgħat internazzjonali, fl-ambitu tal-ġlieda kontra l-proliferazzjoni ta' armi nukleari u tal-qerda tal-massa. Parti minn dan ix-xogħol huwa wkoll dak ta' monitoraġġ ta' liċenzji tal-esport u l-kunsinn ta' armi li jgħaddu minn Malta. Dan il-monitoraġġ isir flimkien mad-Dipartiment tal-Kummerċ u fih jidħol ukoll ir-rwol tal-Unit li ssegwi u tgħin fl-

implimentazzjoni nazzjonali tas-sanzjonijiet internazzjonali kontra ċerta pajjiżi, bħal-Libja, is-Sirja u r-Russja, kif ukoll gruppi terroristi bħall-ISIL, l-Al Qaeda u d-Daesh.

Id-direttorat kompla jsegwi mill-qrib l-iżviluppi dwar is-**sanzjonijiet** kemm dawk tal-Ġnus Magħquda kif ukoll dawk miftiehma mill-Unjoni Ewropea. Kien hemm żviluppi sinifikanti fis-sanzjonijiet kontra l-Iran bi qbil f'Lulju 2015 bejn l-Iran, il-P5+1 u l-Unjoni Ewropea dwar Pjan ta' Azzjoni Konġunt u Komprensiv li jwassal għat-tneħħija tas-sanzjonijiet kontra l-Iran marbuta mal-programm nukleari. Kien hemm żviluppi oħra fis-sanzjonijiet kontra l-Libja fejn il-Kunsill tas-Sigurtà f'riżoluzzjoni 2214 (2015) appella lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet biex jikkunsidra talbiet għal trasferiment jew provvista ta' armi u materjal relatat lill-gvern Libjan biex jikkumbatti l-ISIS; u fil-miżuri kontra r-Russja/Ukrajina fejn ġew identifikati aktar persuni u entitiajiet li ġew soġġetta għal miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina. Il-Ministeru kompla jikkoordina x-xogħol tal-Bord ta' Sorveljanza dwar is-Sanzjonijiet u jwieġeb għall-mistoqsijiet mill-pubbliku dwar is-sanzjonijiet.

Wieħed għandu jsemmi wkoll li d-Direttorat huwa responsabbli għax-xogħol kollu li jsir fi ħdan il-**Ġnus Magħquda**, fosthom fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, ir-riforma tal-Kunsill tas-Sigurtà, fejn Malta hija attiva ferm sabiex tassigura li l-pajjiżi żgħar jiġu rrappreżentati kif inhu xieraq, kif ukoll fid-diskussjonijiet li jsiru Brussel dwar il-Liġi tal-Baħar, li taffettwa l-Malta b'mod partikolari. Wieħed għandu jsemmi wkoll ix-xogħol li twettaq din is-sena bħala preparazzjoni għad-diskussjonijiet dwar it**-tibdil fil-klima** li saru f'Pariġi f'Diċembru tal-2015. Il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin impenja ruħu biex jaħdem flimkien mal-komunità nazzjonali u internazzjonali favur ftehim ġust u xieraq dwar l-azzjoni favur il-klima. Il-Ministeru kompla jaħdem bi sħiħ flimkien mal-Ministeru għall-Ambjent, Tibdil fil-Klima u l-Iżvilupp Sostenibbli sabiex inkomplu nwasslu l-Vuċi ta' Malta fi ħdan il-Komunità Internazzjonali, kemm fil-kuntest tal-Unjoni Ewropea (UE) kif ukoll fil-kuntest tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), partikolarment fil-COP-21 li saret f'Pariġi bejn it-30 ta' Novembru u l-11 ta' Diċembru 2015. Fil-kuntest tal-Commonwealth, it-taħditiet dwar it-tibdil fil-klima daħħlu wkoll fis-Sessjoni Eżekuttiv Speċjali dwar l-Azzjoni Klimatika li saret fis-27 ta' Novembru 2015 waqt iċ-CHOGM, fejn il-mexxejja tal-Commonwealth urew messaġġ konġunt ta' sapport għal riżultat pożittiv fin-negozjati fi Franza.

Il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin kompla wkoll iressaq il-kandidaturi għall-Kunsill tal-Organizzazzjoni Internazzjonali Marittima (IMO) u għall-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti waqt il-laqgħat bilaterali ma' pajjizi oħra. Il-Ministeru kompla wkoll jirċievi u jibgħat, direttament jew permezz tar-Rappreżentazzjonijiet u l-Ambaxxati ta' Malta, rikjesti għal ftehim ma' pajjiżi oħra għal skambju ta' voti fl-istess elezzjonijiet jew għal oħrajn. B'riżultat ta' din il-ħidma, Malta ġiet eletta għall-Kunsill tal-IMO fl-elezzjoni li seħħet fit-23 ta' Novembru tal-2015, filwaqt li tkompli dik għall-kandidatura ta' Malta għall-Kunsill tas-Sigurtà għall-elezzjoni li ser issir fl-2022.

**<u>Żvilupp Internazzjonali, Affarijiet Ekonomiċi u Istituzzjonijiet Ewropej</u>**

Fid-19 ta' Mejju 2015, Dott. George W. Vella, Ministru għall-Affarijiet Barranin, ipparteċipa fil-Laqgħa Annwali tal-Kumitat tal-Ministri li saret ġewwa Brussell, fejn ġew diskussi diversi temi, fosthom ir-rapport tas-Segretarju Ġenerali bl-isem "Naqsmu ir-Responsabbiltà għal Sigurtà Demokratika fl-Ewropa", kif ukoll il-Pjan t'Azzjoni biex ikun miġġieled it-terroriżmu.

Bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-ħamsin sena mis-sħubija ta' Malta fil-Kunsill tal-Ewropa, il-President ta' Malta, Marie Louise Coleiro Preca, żaret u indirizzat l-Assemblea Parlamentari tal-**Kunsill tal-Ewropa** nhar it-22 ta' Ġunju 2015.

Id-Dott. Marceline Naudi, innominata mill-Ministeru għad-Djalogu Soċjali, l-Affarijiet tal-Konsumatur u l-Libertajiet Ċivili, kienet eletta ma' disa' membri oħra fil-GREVIO – il-Grupp ta' Esperti fil-ħidma kontra l-Vjolenza Domestika u fuq in-Nisa, nhar l-4 ta' Mejju 2015.

Fit-8 ta' Diċembru, ir-Rappreżentant ta' Malta għall-Kunsill tal-Ewropa fi Strasburgu ffirma u rratifika Protokoll Nru. 12 tal-Konvenzjoni tal-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u Drittijiet Fundamentali tal-Kunsill tal-Ewropa. Dan il-Protokoll mistenni jidħol fis-seħħ fl-1 ta'April 2016.

Fl-4 ta' Ġunju 2015, il-Ministru George W. Vella indirizza l-Kunsill Permanenti tal-**OSCE**, fuq stedina li kienet saritlu mill-istess Kunsill. Bejn l-20 u l-21 ta' Ottubru saret Konferenza tal-OSCE dwar il-Mediterranan ġewwa l-Ġordan. Delegazzjoni minn Malta, immexxija mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin, Dott. George W. Vella, attendiet għal din il-Konferenza. Fl-10 ta' Novembru, saret Konferenza f'Malta bl-isem "Helsinki plus 40 and the future of Mediterranean security." Din il-Konferenza ttellgħet bil-koordinazzjoni tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin, l-Akkademja għall-Istudji Diplomatiċi tal-Mediterran fl-Università ta' Malta (MEDAC) kif ukoll is-Segretarjat tal-OSCE. Bejn it-3 u l-4 ta' Diċembru, il-Ministru attenda għal-laqgħa annwali Ministerjali tal-OSCE li saret f'Belgrad, is-Serbja.

Fil-qasam tal-kummerċ, il-Ministeru kien involut fl-organizzazzjoni ta' żjara minn **delegazzjoni kummerċjal**i mill-Oman bejn it-12 u l-15 ta' Jannar 2015.

Fit-23 ta' April 2015 daħal fis-seħħ il-ftehim dwar il-Ħelsien mit-Tassazzjoni Doppja u l-Prevenzjoni mill-Evażjoni Fiskali fit-Taxxa tad-Dħul li Malta ffirmat mal-Mauritius fil-15 ta' Ottubru 2014. Fil-11 ta' Mejju, l-Ambaxxata Maltija fil-Ġermanja, flimkien mal-Kamra tal-Industrija u Kummerċ ta' Frankfurt, organizzat seminar f'dik il-belt bl-għajnuna tal-Malta Enterprise. Il-Prim Ministru, il-Ministru għall-Intrapriża, l-Investiment u n-Negozji Żgħar u ċ-*Chairman* tal-Malta Enterprise*,* flimkien mad-delegazzjonijiet rispettivi tagħhom, ipparteċipaw f'dan is-seminar.

L-Ambaxxata Maltija fl-Arabja Sawdija għenet fl-organizzazzjoni tat-Tieni Sessjoni tal-Kummissjoni Konġunta bejn iż-żewġ pajjiżi li saret f'Riyadh fil-21 ta' Mejju. Id-delegazzjoni Maltija kienet immexxija mill-Ministru għall-Intrapriża, l-Investiment u n-Negozji Żgħar.

F' Lulju 2015 ġie organizzat *Business Forum* b'mod konġunt mal-Malta Enterprise bħala parti mill-attivitajiet li fakkru l-50 sena minn meta Korea t'Isfel stabilixxiet relazzjonijiet diplomatiċi ma' Malta. Sarukoll Business Seminar organizzat mill-Kamra tal-Kummerċ, fuq ir-reġjun tal-*MENA*

Fit-28 ta'Awwissu, waqt żjara fit-Turkija, il-Ministru għall-Intrapriża, l-Investiment u n-Negozji Żgħar iffirma d-Dikjarazzjoni li biha twaqqfet il-Joint Economic and Trade Committee (JETCO) bejn iż-żewġ pajjiżi. Bejn it-30 ta' Settembru u l-1 ta' Ottubru, Trade Malta mexxiet delegazzjoni kummerċjali fit-Turkija flimkiien ma' 17-il kumpanija Maltija, Transport Malta, Finance Malta, u rappreżentanti mill-Kamra tal-Kummerċ. F'Marzu 2015 daħal fis-seħħ il-Ftehim dwar il-Kultura, l-Edukazzjoni u l-Koperazzjoni fix-Xjenza li kien iffirmat bejn Malta u t-Turkija fl-1998.

F'Lulju, il-Ministeru, permezz tat-Taqsima għad-Diplomazija Kulturali, għenet fl-organizzazzjoni ta' Kunċert minn żeffiena Korejani u żeffiena Maltin fis-sala ta' Dar il-Mediterran għall-Konferenzi.

Fid-19 ta' Ġunju tnieda uffiċjalment il-Programm Kulturali taċ-CHOGM maħsub biex jesporta proġetti kulturali Maltin f'ħames kontinenti.

Il-Fond għad-Diplomazija Kulturali approva ħdax-il Proġett ieħor kulturali sabiex isiru f'pajjiżi fejn Malta għandha rappreżentanza diplomatika, fosthom Wirja Fotografika bl-isem ISLE LANDERS ta' Darin Zammit Lupi li ttellgħet fil-Palais de l'Europe fi Strasburgu biex tfakkar il-50 sena minn meta Malta saret membru tal-Kunsill tal-Ewropa.

Bejn it-13 u l-15 ta' Awwissu, l-Ministeru ħa ħsieb jikkoordina l-wasla f'Malta ta' kontinġent Ċiniż immexxi mill-baħri u artist Zhai Mo, b'ekwipaġġ ta' baħrin u ġurnalisti televiżivi li waqfu f'Malta bħala parti minn spedizzjoni msejħa Maritime Silk Route li miċ-Ċina baħret lejn l-EXPO f'Milan.

Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ipparteċipa fil-Laqgħa Informali tal-Ministri Ewropej għall-Iżvilupp li saret fi Brussell nhar it-12 ta' Marzu 2015.

Fl-2013, Malta wiegħdet l-ammont ta' €50,000 għas-Somalja għal kull sena għas-snin 2014-2016. Dan il-ħlas huwa maqsum ugwalment bejn il-'UN Development Programme' u l-'UN Trust Fund'. F'Mejju l-Ministeru ffinalizza l-ħlas tal-2015.

It-Taqsima għall-Iżvilupp tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin għenet u kkoordinat il-preparamenti għall-parteċipazzjoni tal-Ministru għall-Finanzi, il-Prof. Edward Scicluna, fit-Tielet Konferenza għall-Finanzjament Internazzjonali għall-Iżvilupp f'Addis Ababa, fit-13-16 ta' Lulju 2015.

'EU DEVFIN Reporting and Transparency Software': Fil-31 ta' Lulju tal-2015, il-Ministeru organizza seminar ieħor dwar dan is-*software*. Għal dan is-seminar attendew uffiċjali minn kull Ministeru.

Fit-2 ta' Awwissu 2015, id-dokument finali tal-aġenda għall-Iżvilupp għal Wara l-2015 bl-isem: "Transforming Our World: The 2030 Agenda for Sustainable Development" ġie maqbul u adottat b'kunsens bejn il-Membri tal-Ġnus Magħquda waqt is-Summit li seħħ bejn l-24 u s-26 ta' Settembru 2015 fi New York. Malta kienet irrappreżentata mill-President ta' Malta, Marie Louise Coleiro Preca.

Il-Ministeru alloka €50,000 sabiex żewġ studenti Palestinjani jingħataw boroż ta' studju fil-livell ta' Masters fl-Università ta' Malta u €25,000 lil student Tuneżin għall-istess skop.

Fil-5 ta' Novembru 2015 Malta infurmat lill-Kummissjoni Ewropea li se tikkontribbwixxi €250,000 għall-EU Emergency Trust Fund for Africa li tnieda fil-Valletta Summit fil-11-12 ta'Novembru 2015 f'Malta.

Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ipparteċipa fil-Laqgħa Informali tal-Ministri Ewropej għall-Iżvilupp li saret fil-Lussemburgu fid-9 u l-10 ta' Diċembru fejn il-Ministru informa l-aħħar żviluppi dwar it-tibdil fil-klima matul iċ-CHOGM f'Malta.

Għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (EDF) Malta tat kontribuzzjoni totali ta' €1,020,000.

Il-Fond għall-Proġetti għall-Iżvilupp: Fil-2015 ġew approvati 13-il proġett u tqassmu €235,199.

**Għajnuna Umanitarja**

Wara ċ-Ċiklun Tropikali PAM, dan il-Ministeru alloka €40,000 lill-International Federation of the Red Cross and Red Crescent (IFRCRC) għall-Vanuatu.

Waqt il-Konferenza tad-Donaturi Kuwajt III li saret fil-31 ta' Marzu 2015, Malta wiegħdet l-ammont ta' €25,000 tramite l-UNHCR favur ir-Regional Refugee and Resilience Plan 2015-2016.

Bi tweġiba għall-kriżi f'Yarmouk, il-Ministeru alloka €25,000 biex jassisti l-Palestinjani affettwati minn din il-kriżi permezz tal-UNRWA.

Il-Ministeru alloka €15,000 għall-Estensjoni tal-Appell għall-Baġit tal-Għaqda Dinjija tas-Salib l-Aħmar favur il-kriżi fil-Libja.

Il-Ministeru alloka l-ammont ta' €20,000 tramite l-UNICEF lin-Nepal, wara t-terrimot li qered bosta bnadi tal-pajjiż u fejn tilfu ħajjithom ħafna nies.

Fid-9 ta' Settembru, il-Ministeru tat kontribuzzjoni ta' €20,000 lill-UNRWA.

Malta tat kontribut ta' €70,000 lill-'World Food Programme', b'rabta mal-kriżi tar-refuġjati li ħarbu l-gwerra lejn l-Ewropa u pajjiżi ġirien.

Malta tat kontribut ta' €20,000 lejn il- Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-UE b'rispons għall-kriżi tas-Sirja (il-Fond Madad) *biex titt*affa l-kriżi tar-refuġjati Sirjani.

Il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin ta s-somma ta' €15,000 lill-UNICEF biex jassistu lid-Dominica wara li din ġiet milquta mill-Maltempata Tropikali Erika.

Wara t-terremot li laqat lill-Afganistan, Malta tat il-kontribuzzjoni ta' €10,000 lill-UNICEF Humanitarian Action for Children Appeal in Afghanistan.

**<u>Id-Direttorat Servizzi Korporattivi</u>**

Flimkien mal-Information Management Unit tal-Ministeru, din is-sezzjoni xprunat eżercizzju fejn, permezz tal-*intranet* tal-Ministeru, l-uffiċjali li jservu Malta, jkunu jistgħu japplikaw għall-*vacation leave* b'mod elettroniku, u għaldaqstant aktar effiċjenti u li jirrispetta t-termini ta' Direttiva Nru 8. Din il-faċilità ġiet żviluppata matul l-2015 u għaddejja minn *testing* madwar il-Ministeru f'Settembru 2015.

Wara diversi xhur ta' laqgħat li saru mal-OPM, NCPE, MFIN u Legal Unit tal-Ministeru, ġie konkluż ir-reviżjoni tal-'Conditions of Service' u sar effettiv mill-1 ta'Ġunju 2015. B'hekk fil-każ ta' uffiċjal li jieħu *Posting* wara din id-data, jew jekk talba ta' uffiċjal biex jestendi l-*posting* tiġi aċċettata, il-kundizzjonijiet il-ġodda jkunu applikabbli.

Matul is-sena 2015 tkompla wkoll ix-xogħol fuq is-sistema tal-ECMS biex dejjem tkun aġġornata mal-bżonnijiet tal-Ambaxxati u ssir aktar effiċjenti f'dak li huma *records* u proċeduri tal-*accounts*. Din is-sena bdew ukoll isiru diskussjonijiet mal-partijiet konċernati biex is-sistema tal-ECMS (Electronic Cash Management System) 'il quddiem tkun tista' tiġi integrata mas-sistema tal-*accrual accounts* il-ġdid li se jdaħħal il-Gvern fil-futur.

Il-ftuħ t'Ambaxxata ġdida jirrikjedi ħafna xogħol preparatorju qabel mal-Ambaxxata tibda tiffunzjona kompletament. Saru diversi xogħljiet sabiex fil-qarib jinfetħu Ambaxxata ta' Malta ġewwa Abu Dhabi, u Konsolati ta' Malta ġewwa Shanghai u l-Algerija permezz tal-fondi mill-EBF.

Fl-2015, tkomplew diversi xogħlijiet ta' manutenzjoni u *upgrading* fuq il-binja tal-Ministeru u l-binjiet l-oħra li jaqgħu taħtu. Tlestew diversi proġetti relattivament kbar. Sar tibjid tal-

entratura tal-Ministeru u tal-kmamar u kuruturi li jinsabu fit-tieni sular ta' Palazzo Parisio u dan ix-xogħol dalwaqt jitlesta u ġie installat *mineral fibre soffit* f'kamra fl-istess sular.

Matul is-sena 2015, il-*Green Leader* tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin kellha numru ta' laqgħat li fihom iddiskutew inizjattivi favur l-ambjent. Dawn il-laqgħat għenu biex ifasslu sett ta' rakkomandazzjonijiet biex jgħinu l-Ministeru jkun iktar favur l-ambjent.

## Protokoll

Matul din is-sena assistenza ġiet provduta lil diversi dinjitarji barranin għal rikjesti għal laqgħat mal-President, mal- Prim Ministru u mal-Ministri. Assistenza ġiet ukoll provduta lill-Ambaxxaturi li spiċċalhom t-term tal-kariga taghhom u xtaqu jagħtu l-aħħar tislija lid-dinjitarji Maltin. Ġew ippreparati d-dokumenti neċessarji għall-akkreditazzjoni ta' Ambaxxaturi Maltin. Barra minn hekk dan il-Ministeru rċieva 31 rikjesta għall-akkreditazzjoni ta' ambaxxaturi barranin għal Malta u ppreżentaw il-kredenzjali tagħhom.

Matul dawn l-aħħar snin, il-Ministeru saħħaħ in-Network Konsulari tiegħu biex ikun ta' għajnuna għal ċittadini Maltin li jkunu qed jivjaġġaw barra kif ukoll biex jikkrejaw opportunitajiet ta' negozju lill-Intraprendituri Maltin. Għal dan il għan matul dawn l-aħħar tnax –il xahar ġew appuntati 4 Konsli Onorarji f'erbat ibliet u 2 Konsli Ġenerali f'żewgt ibliet ohra.

Matul dan il-perjodu id-Direttorat tal-Protokoll ipprocessa 92 rikjesta sabiex vapuri militari barranin jidħlu fl-ibħra jew portijiet Maltin. Dan jammonta għall-istess numru ta' rikjesti li d-Direttorat ipproċessa matul il-perjodu ta' qabel. Fl-istess perjodu ngħata permess għal 684 ajruplan statali jew militari sabiex jgħaddu mill-ispazju tal-ajru Malti jew jillandjaw Ħal Luqa.

Dan id-Departiment joffri wkoll assistenza lill-Ambaxxati ġewwa Malta f'dak kollu li jkollhom bżonn. Din l-assistenza hija provduta permezz ta' kuntatti kontinwi ma' Ministeri u Dipartimenti tal-Gvern.

F' Novembru 2015 dan id-Direttorat kien involut b'mod attiv fis-servizzi ta' protokoll matul iż-żewġ summits (Valletta Summit u CHOGM). Dan id-Dipartiment kien involut ukoll fit-tħejjijiet u fil-koordinament taż-Żjarat Statali f'Malta tal-Gran Mastru tal-Ordni (April 2015), Il-President tal-Ġermanja (April 2015) u tal-Maesta Tagħha, ir-Reġina Elizabetta II (Novembru 2015). Ma dawn nistgħu nsemmu wkoll iż-Żjara Statali li għamlet il-President ta' Malta, Is-Sinjura Marie Louise Coleiro Preca, fir-Repubblika Slovena (Frar 2015).

## Konsulari

Din it-Taqsima hija l-ewwel punt ta' kuntatt mal-Minsteru tal-Affarijiet Barranin kemm għall-ambaxxati kif ukoll għall-pubbliku. Minn Jannar sa Diċembru 2015 kien hemm 52 każ konsulari ta' ċertu rilevanza bħall-arresti ta' Maltin barra minn Malta, Maltin ripatrijati lura lejn Malta, bżonn ta' assistenza medika barra minn Malta u mwiet ta' Maltin barra minn xtutna. F'kull każ konsulari barra minn Malta dejjem sibna l-għajnuna imprezzabbli tal-Ambaxxati u l-Konsulati tagħna barra minn Malta.

Fil-qasam tal-Immigrazzjoni Illegali jsiru kuntatti kontinwi bejn din it-taqsima, il-pulizija u l-Ambaxxati Maltin u barranin sabiex jinħargu dokumenti tal-ivjaġġjar validi għal dawn in-nies biex ikunu jistgħu jiġu rripatrijati u jsiru l-arranġamenti loġistiċi ħalli jirritornaw lejn pajjiżhom. Id-direttorat iżomm kuntatt kontinwu, anke permezz tal-Ambaxxati u tal-Konsolati, mal-awtoritajiet tal-post fejn tkun qed tiżvolġi l-kriżi u anke tramite l-pajjiżi membri tal-UE. Jiġu ppubblikati avviżi dwar l-ivjaġġar f'każijiet fejn ikun hemm xi inkwiet f'xi pajjiż madwar id-

dinja, biex iservu bħala mezz ta' gwida għall-Maltin li se jivjaġġaw fl-inħawi, kif ukoll jingħataw avviżi lill-individwi li jkunu se jsiefru f'pajjiżi partikolari.

Matul il-proċess tal-adozzjoni ta' tfal minn barra minn Malta (fin-nuqqas ta arranġament mal-pajjiż ikkonċernat), il-Ministeru jiġi rikjest biex jaghmel xi verifiki ta' dokumenti mal-Ambaxxati barranin jew joħroġ xi dokumenti li jattestaw ghall-koppja li se taddotta. Matul din is-sena iżda ma kienx hemm talbiet għall-assistenza tal-Ministeru fuq każijiet t'adozzjonijiet minn pajjiżi diversi.

Matul din l-aħħar sena fil-grupp tal-Affarijiet Konsolari (COCON) ġew finalizzati n-negozjati dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar il-miżuri ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni biex tiġi ffaċilitata l-protezzjoni konsulari għal ċittadini mhux rappreżentati tal-Unjoni Ewropea f'pajjiżi terzi. Suġġetti oħra diskussi kienu l-kooperazzjoni konsulari bejn i-istati Membri f'sitwazzjonijiet ta' kriżi li ġraw matul is-sena, l-*Emergency Travel documents* u d-djalogu konsulari bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti.

## Fondi tal-Unjoni Ewropea

Matul is-sena 2015 infetħu l-Konsolati ġewwa Shanghai u l-Alġerija. It-tisbiħ ta' dawn l-uffiċċji biex issir konformi mar-regoli Schengen, sar permezz ta' fondi mill-Unjoni Ewropea. Ta' min isemmi li permezz tal-istess fondi ġew rinovati wkoll uffiċċji konsolari fi ħdan l-ambaxxata tal-Kuwait, kif ukoll saru xi xogħljiet ġewwa l-konsolat fi Tripli.